MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru 649/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Mario Magro

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mario Magro detentur ta' karta ta' identita' numru 171551(M), akkuzat talli:

1. fl-1 ta' Lulju 2006 ghal habta tat-3:30 p.m. gewwa 'St Michael's Ward' fl-Isptar San Luqa li hija meqjusa bhala konfini u titqies taht ir-regolamenti tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bhala post ta' detenzjoni waqt l-qadi ta' dmirijietu fil-kariga ta' Gwardjan numru 88 u cioe' bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku in konnessjoni ma' l-impjieg tieghu, talab jew ircieva jew accetta ghalih jew

ghall-haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili ohra jew xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma ghandux l-jedd – artikolu 115 tal-Kap 9;

2. fl-istess lok, hin, data u taht l-istess cirkostanzi bhala persuna u cioe' ufficjal tal-habs, minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova idahhal jew ippermetta lil minn idahhal f'xi partijiet tal-konfini tal-habs, xi oggett ikun li jkun li huwa ipprojbit skond ir-regolamenti maghmula, jew garr jew prova igorr oggetti projbiti – artikolu 7 tal-Kap 260.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa Gwardjan fil-Facilita' Korretiva bin-numru distintiv tmienja u tmenin (88) u kwindi ufficjal pubbliku. Dan jinsab ippruvat u wkoll ammess minnhu. Hu jinsab akkuzat b'korruzzjoni taht l-Artikolu 115 tal-Kap 9 u li dahhal jew ippermetta d-dhul ta' oggetti projbiti f'habs taht l-Artikolu 7 tal-Kap 260. Fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien dettaljat flimkien ma' Gwardjan iehor biex jissorvelja tlett prigunieri li kienu qed jinzammu fis-sala maghrufa 'St Michael's' gewwa l-Isptar San Luqa li tifforma parti mill-konfini tal-habs. Il-fatti fil-qosor u li taw lok ghall-akkuzi odjerni huma li ghal habta tat-3:30 ta' wara nofs in-nhar gew erba' persuni li allegatament dahlu gewwa l-konfini tas-sala u hemmhekk ikkonsenjaw tlett stikek sigaretti wahda minnhom intiza ghall-imputat u li kellhom ukoll f'idejhom, kull wiehed minnhom, flixkun tal-birra 'Heineken', li taw minnhu lil dak il-prigunier li kienu marru jzuru u dan minghajr opposizzjoni da parte ta' hadd inkluz l-imputat. Dan kollu l-prosekuzzjoni qeghdha issostnieh fuq ix-xhieda tal-Gwardjan 150 li f'dik il-gurnata u hin kien ghassa flimkien mal-imputat u fl-istess xoghol bhalu. Illi dawn il-fatti pero' kif allegati u li bihom hu akkuzat l-

imputat ma jsibux riskontru mix-xhieda tal-erba' persuni li prodotti mill-prosekuzzjoni xehdu 'viva voce' quddiem din il-Qorti u mix-xhieda tal-istess imputat. Il-fatt 'per se' tax-xhieda tal-erba' persuni jixhed dubbju serju fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni li l-filmat esebit xejn ma jghin li inehhi.

Ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet issib l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------